CCT/171/21/S

Elaine Camilleri u Mario Zammit

vs

Ellul Classic Design Woodworks Ltd

Illum 22 ta' Settembru, 2026.

It-Tribunal,

Ra t-Talba ta' Elaine Camilleri u Mario Zammit ippreżentata fis-7 t'Ottubru, 2021, kif ukoll ir-risposta tas-soċjeta' Ellul Classic Design Woodworks Ltd. ippreżentata fit-28 t'Ottubru 2022, wara li dan it-Tribunal awtorizza lill-istess soċjeta' tippreżenta r-risposta tagħha wara li kienet kontumaċi;

Ra d-dokumenti varji ppreżentati, inkluż ir-rapport ta' l-espert il-Perit Richard Aquilina, sema' lill-partijiet u l-provi kollha mressqa.

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda bibien illi wara ċertu żmien partijiet minnu simen u ġew ritornati lura għand is-soċjeta' intimata biex jissewwew;

Illi dan il-każ dam iktar milli suppost u dan minħabba l-fatt illi l-espert maħtur dam biex jippreżenta r-rapport tiegħu, li ġie maħtur ġaladarba l-pendenza hija materja teknika u allura kien ġie nominat il-Perit Richard Aquilina għal dan il-għan;

Illi fid-deċiżjoni mogħtija fid-19 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet "**Calleja vs Mifsud**" il-Qorti ta' l-Appell argumentat "*kemm il-konstatazzjonijiet tal-Perit tekniku nominat mill-Qorti, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skond il-liġi prova ta' fatt li kellhom bħala tali jiġu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kinitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku u bħala prova determinanti kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra*

*pero' huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova…"*

Illi kif obbligat jagħmel u kif dejjem jagħmel meta jitqabbad espert tekniku, dan it-Tribunal jarbel mil-lenti kritika f'dan il-każ ir-rapport ta' l-espert Perit Richard Aquilina, pero' ma ra l-ebda lok li jiskartah anzi jagħmlu tiegħu fl-intier tiegħu;

Illi l-espert Perit Richard Aquilina jgħid hekk fir-rapport tiegħu:

*"L-esponent ukoll jirrileva illi l-injam jespandi fis-Sajf u jogħlob fix-Xitwa dovut għal- varjazzjonijiet tat-temperatura u l-umdita' li jkun hemm fl-arja. L-akbar varjazzjoni hi fil-wisgħa ta' l-injam…"*

Illi dan it-Tribunal jaqbel mal-konklużjonijiet ta' l-espert u bħal Qrati tagħna jħoss illi l-konklużjoni tal-Perit Richard Aquilina m'għandhiex tiġi skartata b'mod leġġer;

Illi fil-fatt il-Qrati tagħna ma jistgħux jinjoraw relazzjoni peritali sakemm ma jkunux konvinti li l-konklużjonijiet ta' tali relazzjoni ma kinitx ġusta u korretta, u din il-konvinzjoni trid tkun waħda motivata minn ġudizzju ben infurmat anke fejn meħtieġ mill-lat tekniku, ara kawża fl-ismijiet **"Cauchi vs Mercieca"** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 t'Ottubru 1999 u **"Calleja nomine vs Mifsud"** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru 2001;

Illi fil-fatt il-Qorti ta' l-Appell fid-deċiżjoni mogħtija fit-23 ta' Ġunju 1967 fil-kawża fl-ismijiet **"Bugeja et vs Gatt"** qalet hekk:

*"Il giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u m'għandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprovolat ruħha mill-fakulta' lilha mogħtija ta' talba għan-nomina ta' periti addizzjonali jiġi skartat faċilment a meno che ma jkunx jidher sodisfaċjentement illi l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi irraġonevoli..."*

Illi tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ u partikolarment tar-rapport tal-Perit Richard Aquilina, t-Tribunal jagħeml tiegħu l-konklużjonijiet milħuqa mill-istess espert maħtur minn dan it-Tribunal;

Illi dan it-Tribunal iħoss illi s-soċjeta' intimata għandha minnu fih tirranġa dawn il-bibien kollha għas-sodisfazzjon tar-

rikorrenti, b'dan illi meta jkunu irranġati jiġu spezzjonati mill-istess Perit Richard Aquilina li qed jiġi nominat għal dan l-iskop biex jeżamina dawn il-bibien u jikkonferma li jkunu ta' livell aċċettabbli u sodisfaċenti, tenut kont iċ-ċirkostanzi li l-istess espert semma' fir-rapport tiegħu.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ, u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' t-talba ta' Elaine Camilleri u Mario Zammit u Jordna illi s-soċjeta' intimata Ellul Classic Design Woodworks Ltd. tirranġa fi żmien xahrejn mil-llum l-imsemmija bibien u meta jkunu lesti tinforma lis-Segretarja ta' dan it-Tribunal li għandha tgħid lil Perit Richard Aquilina nominat minn dan it-Tribunal biex jeżamina l-bibien u jekk fl-opinjoni tiegħu huma sodisfaċenti allura dawn għandhom jingħataw lura u jiġu installati mis-soċjeta' intimata għand ir-rikorrenti.

Fin-nuqqas u jekk fl-opinjoni ta' l-espert il-bibien kif irranġati ma jkunux ta' livell sodisfaċenti, dejjem skond l-opinjoni tal-Perit Richard Aquilina, allura s-soċjeta' intimata qed tiġi ordnata tħallas lura l-ammont imħallas mir-rikorrenti lill-istess rikorrenti u ċioe' l-ammont ta' erbat elef, ħames mija, erbgħa u ħamsin Ewros (€4,554), u dan fi żmien ġimgħa minn meta l-istess Perit Richard Aquilina jippreżenta Nota fl-atti ta' dan it-Tribunal.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jinqasmu nofs b'nofs bejn il-partijiet inkluż l-ispejjeż ta' l-espert Richard Aquilina.

Richard Sladden Av.
Arbitru